MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-23 ta' April, 2004

Talba Numru. 2281/2003

**Citadel Insurance plc kif surrogata sia bil-polza u sia bil-ligi fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Rosanne Vella u l-istess Rosanne Vella**

**VS**

**James Xuereb**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-14 ta' Novembru, 2003, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta' mija u tmienja u sebghin lira Maltin u tnejn u sittin centezmu (Lm178.62) rappresentanti danni subiti f'incident stradali li sehh filwaqt li l-konvenut kien qieghed isuq il-vettura tieghu bin-numru GAJ 724 u irriversja ghal fuq il-vettura bin-numru GAB 881 ta'l-attrici ghal liema incident kien unikament responsabbli l-istess konvenut minhabba imperizja, negligenza, traskuragni u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’l-ittra ufficjali ipprezentata kontestwalment ma’l-avviz u bl-imghaxijiet mid-data tal-prezentata ta’l-avviz sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet ta’l-atturi sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tas-26 ta’ Marzu 2004, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta’ llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta’ mija u tmienja u sebghin lira Maltin u tnejn u sittin centezmu (Lm178.62), bl-imghaxijiet legali mill-14 ta’ Novembru 2003.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza, inkluzi dawk ta’l-ittra ufficjali ipprezentata kontestwalment ma’l-avviz ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------